



Kunsill Ewropew

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

EUCO 8/26

CO EUR 7
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 u 19 ta' Ġunju 2026) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi, sod u sostnut tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonnoxxuti internazzjonalment. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tippovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha.
3. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-organizzazzjoni tal-Konferenza Intergovernattiva dwar l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni Ewropea u l-ftuħ tal-ġabra tal-elementi fundamentali fil-15 ta' Ġunju 2026, u jistenna b'interess il-ftuħ tal-ġabriet l-oħra, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu.
4. L-Unjoni Ewropea tappoġġa paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali u mirfuda minn garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna. Hija biss soluzzjoni li tirrispetta l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna li tista' twassal għal paċi ġusta u dejjiema. Il-fruntieri ma jistgħux jinbidlu bil-forza, l-aggressur ma jistax jiġi ppremjat u s-sigurtà tal-Ukrajna u l-abbiltà tagħha li tiddefendi lilha nnifisha għal żmien twil iridu jiġu ggarantiti. It-triq għall-paċi fl-Ukrajna ma tistax tiġi deċiża mingħajr l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tiddeċiedi dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha jew li jaffettwaw is-sigurtà tagħha.

5. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-isforzi diplomatiċi biex tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u jissottolinja li l-UE tinsab lesta li żżid l-involviment tagħha f'dak il-kuntest, f'konformità mal-għan tal-Unjoni li tippromwovi l-paċi, kif minqax fit-Trattati. L-Ewropa għandha rwol ewlieni x'taqdi f'soluzzjoni futura u tinsab lesta biex tiddefendi l-interessi tagħha. Wara li ma rnexxilhiex tilħaq l-oġettivi militari u strateġiċi tagħha, ir-Russja intensifikat l-attakki tagħha bil-missili u bid-droni kontra l-bliet u l-infrastruttura tal-enerġija Ukreni. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lir-Russja turi rieda ġenwina rigward il-paċi, taqbel dwar waqfien mill-ġlied sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u immedjat u tidħol f'negozjati sinifikattivi lejn paċi ġusta u dejjiema.

6. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni serja reċenti mir-Russja, inkluż attakki bil-missili u bid-droni fuq skala kbira kontra persuni ċivili fl-Ukrajna, l-attakki reċenti kontra s-sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO Kyiv-Pechersk Lavra, kif ukoll l-imġiba dejjem aktar aggressiva, imprudenti u irresponsabbli lejn l-Istati Membri tal-UE, inkluż il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, u theddid kontra l-preżenza diplomatika Ewropea fl-Ukrajna. L-inċident reċenti li fih dron Russu li kien qed iġorr splussivi kkraxxa f'bini residenzjali fir-Rumanija kif ukoll inċidenti simili fi Stati Membri oħra huma riżultat dirett tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jheddu s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u l-istabbiltà reġjonali. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolazzjonijiet ripetuti tal-ispazju tal-ajru u tal-ibħra territorjali tal-Istati Membri u jissottolinja li r-Russja ġgħorr ir-responsabbiltà sħiħa għall-konsegwenzi tal-imġiba eskalatorja tagħha u tal-azzjonijiet militari kontinwi tagħha. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu għas-sigurtà tal-Istati Membri kollha.

7. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jinsabu lesti li jikkontribwixxu għal garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti. Dan ser jinkludi l-appoġġ għall-abbiltà tal-Ukrajna li tiskoraġġixxi l-aggressjoni u tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv, anke għal żmien twil, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) u l-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), kif ukoll l-appoġġ għall-monitoraġġ tal-waqfien mill-ġlied permezz taċ-Ċentru Satellitari tal-UE. Il-kontribut tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikun ibbażat fuq il-kompetenzi u l-mezzi rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali.
8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa lir-Russja talli sistematikament u deliberatament immirat l-infrastruttura ċivili u tal-enerġija tal-Ukrajna, u jappella għall-waqfien immedjat tal-attivitajiet militari kollha qrib il-faċilitajiet nukleari tal-Ukrajna, li joħolqu theddida serja għas-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Jappella wkoll għal aktar sforzi intensifikati mill-UE, ikkoordinati mal-isforzi tas-sħab internazzjonali, biex jgħinu lill-Ukrajna ssewwi, tibni mill-ġdid u ssaħħa b'mod urġenti r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u tas-sistema tal-enerġija tagħha qabel ix-xitwa li ġejja u biex jiżguraw ir-riabilitazzjoni rapida tal-arkata ta' konteniment ta' Chornobyl. Fl-istess ħin, tħeġġeġ kooperazzjoni reġjonali msaħħa fl-enerġija u interkonnessjonijiet transfruntiera tal-elettriku msaħħa.
9. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa t-tiswija, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna li ser issir Gdansk fil-25 u s-26 ta' Ġunju 2026.
10. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-ewwel żborż lill-Ukrajna mis-self ta' EUR 90 biljun għall-2026 u l-2027, qabel tmiem Ġunju 2026. Huwa jappella lill-Istati Membri biex ikomplu bl-appoġġ bilaterali tagħhom għall-Ukrajna u jissottolinja l-importanza ta' sensibilizzazzjoni kontinwa tal-UE ma' pajjiżi terzi biex jiġi żgurat aktar appoġġ internazzjonali biex jgħin biex jingħalaq id-distakk li fadal fil-finanzi tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li l-Ukrajna tkompli tirrispetta l-istat tad-dritt u jilqa' l-isforzi ta' riforma li għaddejjin.

11. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' aktar sforzi sostnuti biex jingħata appoġġ militari lill-Ukrajna, inkluż permezz tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, u jiġu aċċellerati b'mod urġenti l-produzzjoni u t-twassil ta' tagħmir ta' prijorità, b'mod partikolari s-sistemi tad-difiża tal-ajru, il-munizzjon, id-droni u l-missili, inkluż biex l-Ukrajna tiġi megħjuna tipproteġi l-popolazzjoni ċivili tagħha u l-infrastruttura tal-enerġija u l-infrastruttura kritika tagħha. F'dan il-kuntest, it-tiżni ulterjuri tal-kooperazzjoni industrijali tad-difiża bejn l-UE u l-Ukrajna jibqa' kruċjali.
12. L-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jingħataw b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
13. L-Unjoni Ewropea għadha determinata li tkompli żżid il-persjoni tagħha fuq ir-Russja u li tkompli ddgħajef l-ekonomija tal-gwerra tar-Russja biex twaqqaf il-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha u tidħol f'negozjati sinifikattivi għall-paċi. Il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li jkompli jitnaqqas id-dħul tar-Russja mill-enerġija, jitrażnu l-operazzjonijiet tal-flotta mistura tagħha u tkompli tiġi ristretta s-sistema bankarja tagħha. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni reċenti ta' sanzjonijiet ġodda, b'mod partikolari mmirati lejn il-flotta mistura, wara l-adozzjoni tal-20 pakkett ta' sanzjonijiet. Huwa jitlob l-adozzjoni rapida tal-21 pakkett ta' sanzjonijiet. Id-dgħajfen tal-mudell kummerċjali tal-flotta mistura Russa jirrikjedi approċċ ta' rotta sħiħa u koordinazzjoni fost l-Istati Membri u mas-sħab, inkluż billi jiġu indirizzati, permezz ta' approċċ komuni, ir-riskji sinifikanti għall-ambjent, għas-sigurtà u għas-sikurezza marittima maħluqa minn tali bastimenti. Il-Kunsill Ewropew jisħaq ukoll fuq l-importanza li titkompla l-koordinazzjoni mas-sħab tal-G7 u sħab oħra tal-istess fehma dwar is-sanzjonijiet, li jissaħħaħ l-infurzar ta' miżuri eżistenti u jingħalqu l-lakuni, u li jissaħħu aktar il-miżuri kontra ċ-ċirkonvenzjoni. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li, sakemm ma jkunx hemm paċi ġusta u deġġema fl-Ukrajna, ma għandux ikun hemm normalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni tar-Russja f'avvenimenti sportivi u kulturali internazzjonali.

14. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, u speċjalment permezz tal-provvista ta' oġġetti u komponenti ta' użu doppju. B'mod partikolari, jikkundanna bil-qawwa l-iskjerament tal-forzi militari tar-RDPK fil-gwerra kontra l-Ukrajna kif ukoll l-appoġġ militari sostnut ipprovdut lir-Russja mill-Iran, il-Belarussja u r-RDPK, fost l-oħrajn.
15. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lir-Russja u lill-Belarussja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur u mingħajr kundizzjonijiet lejn l-Ukrajna tat-tfal u l-persuni ċivili Ukreni l-oħra kollha, deportati u trasferiti illegalment. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-impenn li sar fil-laqgħa ta' livell għoli tal-Koalizzjoni Internazzjonali għar-Ritorn tat-Tfal Ukreni biex tiżdied l-azzjoni biex jiġi żgurat ir-ritorn tagħhom. Sforzi oħra ta' għajjnuna umanitarja u miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, b'mod partikolari l-iskambju ta' prigionieri tal-gwerra u r-ritorn ta' detenuti ċivili, iridu jkomplu jkunu parti mill-perkors li jwassal għall-paċi.
16. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn tal-UE li tiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-ratifika f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni li tistabilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna kif ukoll il-progress fuq it-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna. Jinkoraġġixxi aktar sforzi sostnuti fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa lejn l-operazzjonalizzazzjoni ta' dawn iż-żewġ korpi internazzjonali.
17. Fid-dawl tat-theddida potenzjali, anke fit-tul, għas-sigurtà interna tal-UE mill-eks kumbattenti Russi li pparteċipaw fl-aggressjoni kontra l-Ukrajna u filwaqt li jieħu nota tal-proposta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli f'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ aktar ħidma teknika biex jiġu vvalutati modi possibbli għall-indirizzar ta' din il-kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.
18. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. LVANT NOFSANI

Iran

19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-memorandum ta' qbil bejn l-Istati Uniti u l-Iran, li joħloq opportunità għal stabbiltà reġjonali u għar-restawr sħiħ tal-libertà ta' navigazzjoni u tranżitu sikur mill-Istrett ta' Hormuz. Huwa jilqa' t-tkomplija tal-isforzi diplomatiċi bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni ta' paċi u jissottolinja l-importanza ta' riżoluzzjoni negozjata u fit-tul għall-kwistjonijiet pendenti kollha, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Huwa jfaħħar lill-Pakistan, lill-Qatar u lil sħab reġjonali oħra għall-isforzi ta' medjazzjoni tagħhom. L-Unjoni Ewropea ser tkompli timpenja ruħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab reġjonali, fi sforzi diplomatiċi u tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehim.
20. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-libertà tan-navigazzjoni u s-sigurtà marittima f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi mħabbra mill-Istati Membri u s-sħab biex tiġi żgurata l-libertà tan-navigazzjoni fl-Istrett ta' Hormuz, ladarba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet. Kwalunkwe arranġament relatat mal-Istrett ta' Hormuz ma jridx jillimita l-libertà tan-navigazzjoni jew jibdel il-governanza tiegħu b'xi mod.
21. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fir-rwol tal-operazzjoni difensiva marittima tal-UE, l-EUNAVFOR ASPIDES, jenfasizza l-potenzjal tagħha li tikkontribwixxi biex jiġi stabbilizzat ir-reġjun, u jappella għat-tiżiħ tagħha, f'konformità mal-mandat tagħha.

22. Il-Kunsill Ewropew itenni li l-Iran qatt ma għandu jitħalla jakkwista arma nukleari. Huwa jhegġegħ lill-Iran biex jikkonforma mal-obbligi legalment vinkolanti tiegħu ta' salvagwardja nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni u biex jerġa' jibda l-kooperazzjoni sħiħa mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika. Jappella wkoll lill-Iran biex itemm l-attivitajiet destabbilizzanti tiegħu, inkluż il-programm ta' missili ballistiċi tiegħu. Fid-dawl tat-theddida dejjem akbar mill-użu mis-servizzi tal-intelligence Iranjani ta' networks kriminali u forzi bi prokura oħra, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkooperaw mill-qrib biex jipprevjenu u jiġġieldu tali azzjonijiet ostili.
23. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-reġim Iranjan iwaqqaf il-vjolenza u r-repressjoni kontra l-poplu tiegħu stess. Huwa jappella għar-rispett tad-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-poplu Iranjan, inkluż id-dritt li jagħżel il-futur tiegħu stess. F'dan ir-rigward l-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem fuq aktar miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli.
24. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem, inkluż mas-sħab reġjonali u dinjin, biex ittaffi l-impatt tal-kriżi u tnaqqas il-vulnerabbiltà dinjija għall-Istrett ta' Hormuz, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-provvista tal-enerġija. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-inizjattivi proposti mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi għall-UE f'termini ta' sigurtà tal-enerġija, prezzijiet tal-enerġija u ktajjen tal-provvista globali, inkluż is-sigurtà tal-ikel u jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni. Huwa jtenni l-importanza li tiġi żgurata l-preparatezza, inkluż fir-rigward ta' flussi migratorji futuri possibbli, b'ħidma mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

Gaża/ix-Xatt tal-Punent

25. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora f'Gaża u fix-Xatt tal-Punent, inkluż il-kriżi umanitarja persistenti u devastanti f'Gaża. Jistieden lil Iżrael biex jippermetti aċċess immedjat u mingħajr xkiel u distribuzzjoni sostnuta ta' assistenza umanitarja fuq skala kbira lejn Gaża u kullimkien fiha, inkluż permezz tal-Kuritur Marittimu ta' Ċipru biex jiġu ssupplimentati r-rotot fuq l-art, u biex jippermetti lin-NU u l-aġenziji tagħha, u lill-organizzazzjonijiet umanitarji, jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu t-tbatija. Huwa jappella wkoll lil Iżrael biex jerġa' jiftaħ il-punti ta' qsim tal-fruntiera ta' Gaża, kif ukoll il-kuritur mediku bejn Gaża u x-Xatt tal-Punent, jippermetti aċċess għall-media internazzjonali, u jreġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu rigward il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-NGOs. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lil Iżrael biex jikkonforma mal-obbligi kollha tiegħu skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. Il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili jeħtieġ li tiġi żgurata f'kull ħin.
26. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tal-Unjoni Ewropea għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti. Huwa jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili fl-isforzi għat-tiswir tal-paċi u fil-bini tal-pedamenti meħtieġa għal paċi negozjata u dejjiema bejn Iżrael u l-Palestina u f'dak il-kuntest jilqa' l-organizzazzjoni ta' konferenza ddedikata f'Pariġi fit-12 ta' Ġunju 2026.

27. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress mill-atturi kollha fl-implimentazzjoni tal-waqfien mill-ġlied u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-UNSCR 2803. Huwa jappella lill-atturi kollha biex jimplimentawhom bis-sħiħ, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-prinċipji politiċi u legali internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella għad-diżarm permanenti tal-Ħamas u gruppi armati mhux statali oħra, l-irtirar sħiħ tal-forzi Iżraeljani mill-Istrixxa ta' Gaża u l-iskjerament tal-Forza Internazzjonali ta' Stabbilizzazzjoni temporanja, kif deskritt fil-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaża. L-Unjoni Ewropea tirrifjuta bil-qawwa t-tħabbira ta' Iżrael li biħsiebu jikkontrolla 70 % tat-territorju ta' Gaża.
28. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna t-trattament ħażin tad-detenuti, inkluż iċ-ċittadini Ewropej, wara l-interċettazzjoni tal-Global Sumud Flotilla fl-ilmijiet internazzjonali u l-imġiba tal-ministri estremisti li jinċitaw u jippromwovu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota li l-Kunsill ser ikompli jeżamina l-miżuri f'dan ir-rigward.
29. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Konflitt f'Gaża f'konformità mal-UNSCR 2803, inkluż permezz tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) u l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), kif ukoll fuq ir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp mill-ġdid ta' Gaża, f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana, inkluż fl-aġenda ta' riforma tagħha, sabiex din tkun tista' tiegħu lura b'mod sigur il-kontroll effettiv ta' Gaża. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jistieden lil Iżrael jirrilaxxa b'urġenza d-dħul kollu miżmum minn dazji u imposti u jestendi s-servizzi ta' korrispondenza bankarja bejn il-banek Iżraeljani u dawk Palestinjani, li huma t-tnejn meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Palestinjana u l-għoti ta' servizzi essenzjali lill-popolazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rilaxx reċenti tal-fondi Ewropej lill-Awtorità Palestinjana, inkluż permezz tal-mekkaniżmu PEGASE.

30. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu tal-azzjonijiet unilaterali ta' Iżrael li għandhom l-għan li jespandu l-preżenza tiegħu fix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalemm tal-Lvant, li l-opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tad-19 ta' Lulju 2024 iddikjarat bħala illegali. Huwa jhegġegħ lill-Gvern ta' Iżrael biex ireġġa' lura l-espansjoni tal-insedjamenti, inkluż fiż-żona E1, li huma illegali skont id-dritt internazzjonali, biex jirrispetta l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali u biex jipproteġi l-popolazzjoni Palestinjana tat-territorji okkupati, inkluż il-Komunitajiet insara u minoranzi oħra, kif ukoll biex jiżgura l-preservazzjoni u r-rispett għall-Istatus Quo tas-siti sagri ta' Ġerusalemm. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li n-negozji ma għandhomx jagħmlu offerti għal kuntratti ta' kostruzzjoni għall-E1 jew għal żviluppi ta' insedjamenti oħra u jissottolinja l-konsegwenzi legali u reputazzjonali għan-negozji li jipparteċipaw fil-kostruzzjoni ta' insedjamenti, inkluż ir-riskju ta' ksur serju tad-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-vjolenza kontinwa u dejjem tikber tal-abitanti tal-insedjamenti kontra persuni ċivili Palestinjani, jappella għar-responsabbiltà u jilqa' l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-abitanti estremisti tal-insedjamenti u entitajiet u organizzazzjonijiet li jappoġġaw il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti kontra persuni ċivili Palestinjani. Jilqa' wkoll l-adozzjoni ta' aktar miżuri restrittivi kontra l-Hamas. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-adozzjoni minn Iżrael tal-liġi dwar il-piena tal-mewt, li hija diskriminatorja, u jappella għar-revoka immedjata tagħha. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta opzjonijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2026, fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tkompli tiddeterjora fir-rigward tal-insedjamenti illegali.

Libanu

31. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-ksur kontinwu tal-waqfien mill-ġlied u jhegġegħ lill-atturi kollha jimplimentaw bis-sħiħ il-waqfien mill-ġlied, jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fit-taħditiet li għaddejjin, jipprevjenu aktar vittmi ċivili u spostamenti ċivili u jsibu soluzzjoni politika dejjiema li tiżgura l-paċi u s-sigurtà kemm għal-Libanu kif ukoll għal Iżrael. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' ftehim bejn il-Libanu u Iżrael. Il-Kunsill Ewropew jappella għal tmiem permanenti tal-ostilitajiet, il-protezzjoni tal-persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili, u r-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali.

32. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki tal-Hezbollah fuq Iżrael u l-popolazzjoni ċivili fit-Tramuntana ta' Iżrael u jappella għad-diżarm sħiħ tal-Hezbollah. Jappella lil Iżrael biex jirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libanu u biex jirtira l-forzi tiegħu mil-Libanu, f'konformità mal-UNSCR 1701. Huwa jstieden ukoll lil Iżrael joqgħod lura minn eskalazzjoni ulterjuri. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE għall-isforzi biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-poplu Libaniż u għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libanu. Huwa jtenni l-appoġġ sħiħ tal-UE għall-isforzi tal-Gvern Libaniż biex isaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, inkluż il-Forzi Armati Libaniżi bil-ħsieb li jinkiseb kontroll tat-territorju Libaniż kollu, u biex jistabilixxi l-monopolju tal-Istat fuq iż-żamma tal-armi. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa l-Forzi Armati Libaniżi, inkluż permezz ta' missjoni possibbli tal-PSDK u permezz ta' appoġġ kontinwu u msaħħaħ taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ sostnut fit-tul, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali.
33. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tipprovdi għajjnuna ta' emerġenza lill-aktar minn miljun persuna spostata, flimkien mal-għajjnuna umanitarja ta' EUR 100 miljun mobilizzati wara t-tifqigħa tal-ostilitajiet u l-operazzjonijiet tal-pont tal-ajru umanitarju kkoordinati mas-sħab reġjonali.
34. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha biex jimplementaw bis-sħiħ il-UNSCR 1701. Huwa jtenni l-kundanna tiegħu għall-attakki inaċċettabbli u illegali fuq il-persunal tal-UNIFIL u jappella għal investigazzjoni bir-reqqa. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza ta' preżenza kontinwa tan-NU fil-Libanu f'kuntest post-UNIFIL u jafferma mill-ġdid ir-rieda tal-UE li tikkontribwixxi f'dan ir-rigward fl-2027.

III. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

35. Wara l-ħidma mill-Presidenza Ċiprijotta u l-preżentazzjoni tal-Kaxxa ta' Negozjar biċ-ċifri, il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid.
36. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Presidenza Irlandiża biex tmexxi l-ħidma 'l quddiem dwar il-Kaxxa ta' Negozjar sal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fi żmien xieraq. Qbil qabel tmiem l-2026 jippermetti l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi fl-2027, meħtieġa biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jasal għand il-benefiċjarji mingħajr interruzzjoni f'Jannar 2028.

IV. KOMPETITTIVITÀ U SFIDI EKONOMIĊI DINJIN

37. Fl-isfond tal-kuntest ġeoekonomiku diffiċli, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-isforzi li għaddejjin biex jissaħħu l-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE, jiżiedu r-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika, tiġi promossa l-innovazzjoni teknoloġika, jiġu sostnuti l-prosperità u l-mudell soċjali tal-Ewropa u jittejbu l-istandards tal-għajxien.

38. Filwaqt li fakkar fl-oġġettivi u l-iskedi ta' żmien stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress fir-rigward tal-aġenda "Ewropa Waħda, Suq Wieħed" u t-tweġġiq tagħha f'konformità mal-Pjan Direzzjonali interistituzzjonali. Huwa ssottolinja l-urġenza ta' progress deċiżiv fis-Suq Uniku, fis-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, inkluż f'aktar inizjattivi biex jitħaffu l-proċeduri għall-ippjanar u għall-ħruġ tal-permessi, fil-prezzijiet tal-enerġija affordabbli u l-Unjoni tal-Enerġija 2030, fit-trawwim tat-tiġdid industrijali tal-Ewropa u l-innovazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi, u fil-mobilizzazzjoni tal-investment, f'konformità mal-iskadenzi miftiehma. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li titħaffef il-ħidma fuq it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija, fuq it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni, b'kont meħud tan-newtralità teknoloġika, u fuq it-tiżiħ tar-reżiljenza tagħna. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta konkreta sa nofs Lulju 2026 dwar ir-rieżami tas-sistema tal-ETS, inkluż dwar kwoti bla ħlas, f'konformità mal-ittra ta' Marzu 2026 mill-President tagħha, u, fl-istess ħin, li tippreżenta proposta separata biex tindirizza t-tħassib espress minn xi setturi industrijali dwar il-parametri referenzjarji tal-ETS, filwaqt li jiġi ppreservat ir-rwol essenzjali tal-ETS fit-tranżizzjoni klimatika u tal-enerġija.
39. Il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu strateġiku dwar il-kwistjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi dinjin.
40. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat fuq l-aġenda tal-kompetittività u ser jerġa' lura għaliha fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2026.

V. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

41. Fid-dawl ta' theddid u sfidi serji għas-sigurtà u peress li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għadha sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea, il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa trid tiżdied b'mod deċiżiv sal-2030. Filwaqt li jibni fuq il-progress reċenti, il-Kunsill Ewropew jappella biex jiżdiedu l-isforzi, b'urġenza mġedda, biex dan l-oġġettiv jinkiseb b'pass mġaġġel u fuq skala kbira, jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jiġu indirizzati l-lakuni fil-mezzi kritiċi, b'approċċ ta' 360°.

42. Wara l-vjolazzjonijiet ripetuti tal-ispazju tal-ajru tal-Istati Membri, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata d-difiża tal-fruntieri kollha tal-art, tal-ajru u marittimi tal-UE. B'mod partikolari, l-Unjoni Ewropea tikkundanna bil-qawwa l-inċident gravi tad-29 ta' Mejju 2026 li fih dron Russu li kien qed iġorr splussivi kkraxxa f'bini residenzjali fir-Rumanija, u tirrikonoxxi t-theddid immedjat fuq in-naħa tal-Lvant tal-UE. L-Unjoni Ewropea tesprimi s-solidarjetà sħiħa tagħha mar-Rumanija u l-Istati Membri kollha milquta minn inċidenti simili. Filwaqt li jibni fuq il-progress miksub, il-Kunsill Ewropew jappella għal aċċellerazzjoni tal-isforzi biex tissaħħaħ il-protezzjoni kontra theddid bħal dan, inkluż il-ħidma li għaddejja fuq il-proġett "Għassa tan-Naħa tal-Lvant" u inizjattivi oħra li ser jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-fruntieri kollha tal-UE.
43. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna wkoll l-attakki ibridi reċenti kollha kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fid-dawl tal-kampanji ibridi persistenti minn atturi ostili, b'mod partikolari r-Russja u l-Belarużja, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi akbar u urġenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, tiġi intensifikata l-preparatezza, tiġi protetta l-infrastruttura kritika, u jiġu evitati, skoraġġuti u jingħata rispons għal attakki ibridi. F'dan il-kuntest, jilqa' l-ħidma mwettqa fil-Kunsill fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà tad-Droni u s-Sigurtà kontra d-Droni, li tikkontribwixxi għal dawn l-oġettivi u tikkomplementa l-isforzi li għaddejjin fil-qasam tad-difiża.
44. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà dinjija u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li ssir ħidma flimkien mas-sħab tal-istess fehma, li jikkondividu l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE.

45. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew:
- a) jilqa' ż-żieda mdaqqsqa u kontinwa fin-nefqa għad-difiża fl-Istati Membri, li jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn sforzi msaħħa biex isir investment aħjar u aktar rapidu flimkien;
 - b) jilqa' l-progress fl-oqsma kollha ta' kapaċità prijoritarji, li ġew identifikati fil-livell tal-UE f'koerenza sħiħa man-NATO, u b'mod partikolari fir-rigward ta' proġetti fil-qasam tas-sistemi tad-droni u kontra d-droni; mezzi ta' twissija bikrija, ta' difiża tal-ajru, u ta' attakk bi preċiżjoni fil-profond; u l-assi u s-servizzi spazjali. Huwa jappella lill-Istati Membri biex jaċċelleraw b'mod riżolut il-ħidma fil-koalizzjonijiet kollha tal-mezzi. Huwa jistieden lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tad-diversi linji ta' ħidma dwar il-mezzi;
 - c) itenni l-ħtieġa urġenti li tissaħħa il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea sabiex tkun tista' ttiprovdi t-tagħmir meħtieġ bil-veloċità u l-iskala meħtieġa, inkluż it-tagħmir prijoritarju b'appoġġ għall-Ukrajna. Huma meħtieġa aktar sforzi fil-livelli kollha biex jiġu adattati u jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni u jitwasslu, permezz tar-riċerka, teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, it-trasformazzjoni industrijali tad-difiża meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv tal-prontezza tad-difiża. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-involviment tagħhom mal-industrija tad-difiża għal dak l-għan u, b'mod partikolari, jiżguraw allinjament mill-qrib bejn id-dimensjoni tal-mezzi u dik industrijali fil-ħidma tal-koalizzjonijiet tal-mezzi, bl-appoġġ tal-EDA u, fir-rigward tad-dimensjoni industrijali, tal-Kummissjoni;
 - d) itenni l-importanza tal-funzjonament tajjeb u ta' aktar integrazzjoni tas-suq Ewropew għad-difiża mal-Unjoni kollha, inkluż aċċess transfruntier intra-UE għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża, b'mod partikolari għall-SMEs u l-mid-caps. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li d-deċiżjoni li tiġi awtorizzata jew miċħuda l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża hija fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru;

- e) jissottolinja li l-Ewropa jeħtiġilha tkompli tislet tagħlimiet mill-esperjenza tal-Ukrajna b'teknoloġiji ġodda, tapplikahom fil-proċessi ta' innovazzjoni u tal-iżvilupp tal-mezzi, u taħdem mal-industrija Ukrena, inkluż fil-koalizzjonijiet tal-mezzi. Jilqa' l-inizjattivi li tteħdu reċentement f'dak ir-rigward;
- f) jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli rigward l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll it-tisħiħ industrijali, u jieħdu l-passi ulterjuri meħtieġa fl-implimentazzjoni tal-istrumenti SAFE u tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) bħala kwistjoni ta' urġenza. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li tiġi ffinalizzata malajr il-ħidma fuq il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni, li ser jikkontribwixxu għall-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri kollha;
- g) jilqa' l-ftehim politiku dwar l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża u jistieden lill-koleġiżlaturi jaqblu sa tmiem l-2026 dwar:
 - i) il-Programm għall-innovazzjoni aġli u rapida fid-difiża; u
 - ii) il-proposta dwar il-mobbiltà militari;
- h) jistenna b'interess il-proposti addizzjonali mħabbra mill-Kummissjoni dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva;
- i) jilqa' l-ewwel passi meħuda fil-qafas tal-EDA biex issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-Istati Membri fl-oqsma tal-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, inkluż permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti u l-aggregazzjoni tad-domanda, u l-akkwist komuni. Huwa jistieden lill-EDA u lill-Istati Membri jkomplu din il-ħidma malajr;
- j) jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment ikompli jappoġġa l-prontezza tad-difiża, b'mod partikolari billi jsaħħaħ l-industrija Ewropea tad-difiża, inkluż billi jattira l-investment privat.

46. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.
47. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet f'Ottubru 2026, inkluż abbażi tar-rapport annwali dwar il-prontezza tad-difiża, li għandu jitħejja mill-EDA bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli.

VI. MIGRAZZJONI

48. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress fl-aġenda leġiżlattiva u fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu. Fid-dawl tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jappella biex titkompla l-ħidma intensifikata fil-fergħat kollha, inkluż fuq id-dimensjoni esterna u s-sħubijiet komprensivi, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
49. Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar il-migrazzjoni fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2026.

VII. DROGI ILLEĊITI

50. Biex iwieġeb għall-isfidi dejjem akbar tas-saħħa, soċjali u tas-sigurtà marbuta mal-użu u t-traffikar ta' drogi illeċiti, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati l-aspetti kollha tal-fenomeni tad-drogi f'approċċ komprensiv, ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha bbażat fuq l-evidenza, bi sforz ikkoordinat fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali. Dan jinkludi t-tiżni tal-preparatezza, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, it-tiżni tas-sigurtà, il-prevenzjoni tal-ħsara relatata mad-droga, u t-trawwim ta' sħubijiet u inizzjattivi ta' kooperazzjoni Ewropej u internazzjonali, bħall-Koalizzjoni Ewropea Kontra d-Droga, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-infurzar tal-liġi. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja r-rwol kritiku tal-prevenzjoni, l-aċċess għat-trattament u l-miżuri ta' riintegrazzjoni soċjali. Huwa jenfasizza l-importanza ta' qafas armonizzat globalment u infurzat b'mod effettiv għas-sigurtà u r-reżiljenza marittima u tal-portijiet u jappella għal azzjoni koerenti fil-konfront ta' pajjiżi terzi li jagħtu kenn lil traffikanti tad-droga u li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli li jippreżentaw proposta għal reġim orizzontali għdid ta' sanzjonijiet immirat lejn gruppi ta' kriminalità organizzata tranżnazzjonali. Reġim bħal dan ma għandux ikun ta' preġudizzju għall-infurzar tal-liġi u għall-proċeduri u l-kooperazzjoni għidizzjarji.
51. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, f'konformità mal-qafas ta' implimentazzjoni maqbul mill-Kunsill. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji rilevanti tal-UE biex isaħħu l-koordinazzjoni fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha.
52. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni kif meħtieġ biex jivvaluta l-progress.

VIII. TKABBIR U RIFORMI

53. Fid-dawl tal-impetu l-ġdid fil-proċess tat-tkabbir, u filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Granada, il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar it-tkabbir u r-riformi fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2026.

IX. REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

54. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-organizzazzjoni tal-Konferenza Intergovernattiva dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova mal-Unjoni Ewropea u l-ftuħ tal-ġabra tal-elementi fundamentali fil-15 ta' Ġunju 2026, u jistenna b'interess il-ftuħ tal-ġabriet l-oħra, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ukoll is-Summit bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova fit-22 ta' Ġunju 2026.

X. BALKANI TAL-PUNENT

55. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li ġie organizzat is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tivat, il-Montenegro, fil-5 ta' Ġunju 2026, li kkontribwixxa għall-impetu l-ġdid fil-proċess ta' tkabbir. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew itenni li l-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Balkani tal-Punent u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħhom fil-mixjiet tagħhom lejn is-sħubija fl-UE. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li javvanza l-integrazzjoni gradwali bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod meritokratiku u reversibbli.

XI. PUNTI OĦRA

Ebola

56. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tixrid tal-marda tal-virus tal-Ebola fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Uganda. Jilqa' r-rilaxx rapidu ta' fondi ta' emerġenza mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u sħab internazzjonali u Ewropej oħra li jippermetti rispons immedjat, li jinkludi s-sorveljanza epidemjoloġika, it-traċċar tal-kuntatti, il-preparatezza klinika u żieda fil-kapaċità tal-laboratorji. L-Unjoni Ewropea attivat assistenza finanzjarja u loġistika, bħal ftifqigħat preċedenti, biex tappoġġa l-ħidma tad-WHO, taċ-Ċentri tal-Afrika għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard u tal-atturi umanitarji u tas-saħħa tal-ewwel linja fil-koordinazzjoni u t-twettiq ta' miżuri urġenti ta' konteniment u rispons.
57. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u l-evoluzzjoni tagħha, u kif xieraq jiddefinixxu u jikkoordinaw il-prijoritajiet operazzjonali relatati.
58. Il-kriżijiet tas-saħħa reċenti, inkluż il-kriżi tal-hantavirus, jissottolinjaw l-importanza ta' governanza dinjija tas-saħħa b'saħħitha u risponsi kkoordinati, inkluż permezz tad-WHO. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza wkoll il-valur miżjud ta' strumenti ta' koordinazzjoni tal-UE. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw lid-WHO fit-twettiq tal-mandat tagħha biex issaħħaħ il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għall-emerġenzi mad-dinja kollha.

Armenja

59. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar lill-awtoritajiet tal-Armenja talli ssalvagwardaw b'mod effettiv l-integrità tal-proċess elettorali f'konformità mal-istandards demokratiċi. F'dan ir-rigward, huwa jikkundanna t-tentattivi sostnuti mir-Russja biex iddgħajjed l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-koeżjoni soċjali fl-Armenja permezz tal-koerċizzjoni ekonomika, il-perssjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza u l-attivitajiet ibridi persistenti. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea li ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-Armenja u tappoġġa s-sovranità, ir-reżiljenza, l-istituzzjonijiet demokratiċi, l-ekonomija u l-aġenda ta' riforma komprensiva tal-pajjiż. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ewwel Summit bejn l-UE u l-Armenja f'Yerevan fil-5 ta' Mejju 2026, u l-iffirmar tas-Sħubija ta' Konnettività bejn l-UE u l-Armenja. L-approfondiment tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Armenja huwa investment fil-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u lil hinn minnu.

Rispett tad-dritt internazzjonali

60. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-istituzzjonijiet li jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż billi jiġu protetti b'mod effettiv il-qradi internazzjonali u l-uffiċjali tagħhom minn kwalunkwe theddid jew sanzjoni, u f'dan ir-rigward jissottolinja l-importanza ta' aċċess mingħajr xkiel għal servizzi finanzjarji u servizzi oħra.

Il-gżejjer u l-komunitajiet kostali

61. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Strateġija tal-UE għall-gżejjer" u dwar "Strateġija tal-UE dwar komunitajiet kostali reżiljenti, prosperi u abitabbli".

Semestru Ewropew

62. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi abbażi ta' nota orizzontali, u b'hekk ippermetta l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew 2026.
-